MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Numru 6/2008

IL-PULIZIJA
SPETTUR ANN MARIE MICALLEF
VS
MARIO SAMMUT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Sammut, ta' 48 sena, iben Frans u Doris nee' Hudson, imwieled Imtarfa Rabat Malta, fil-25 ta' Ottubru 1959, residenti gewwa Flt 2 Nr 11 Triq Antonio Miruzzi Santa Venera u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 680259(M).

Billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nahr is-17 ta' Marzu, ghal habta ta' 12:40hrs fi Triq it-Torri tas-Sliema u/jew fil-vicinanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBK076 tal-ghamla Ford Focus ghad-dannu ta' Cardona Victor Joseph minn Santa Venera liema hsara

teccedi aktar minn 232.94 Euro izda anqas minn 2329.37 Euro u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-Verbal tat-20 ta’ Novembru, 2008.

Senghat l-konferma ta’ tali ammissjoni ta’ l-imputat wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament’

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni teighu l-Qorti ssib lill-imputat Mario Sammut, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 325(1) (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien disa’ xhur.

Din il-Piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fatt illi huwa kkompensa lil kwerelant ghal hsarat kollha minnu mwettqa fil-mori tal-kawza u l-fatt illi l-kwerelant hafer lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------